MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1375/2001/1

**(1) Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita' taghha ta' rapprezentanti *ex lege* u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi flimkien jifformaw id-ditti assikuratrici ossija sindikati ta' Lloyds illi jgibu n-numru 980 u joperaw taht l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds u Laferla Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess ditti ossija sindikati, kif dawn is-Sindikati jinsabu issurrogati fid-drittijiet tal-assikukurat taghhom Paul Gauci; (2) Paul Gauci.**

**-vs-**

**Fiona Brincat.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta’ Lulju 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi s-socjeta’ attrici Laferla Insurance Agency Limited hija l-mandatarja u rapprezentanti lokali tal-membri tad-ditta assikuratrici Lloyds migbura fis-sindikati numru 980 u li jopperaw taht l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds, filwaqt illi s-socjeta’ l-ohra hija r-rappresentanti ‘ex lege’ tal-istess sindikati ta’ Lloyds.

Illi f’din il-kwalita’ premessa taghha is-socjeta’ attrici Laferla Insurance Agency Limited harget il-polza numru 1018 – 31/12 fil-1 ta’ Jannar 2000, illi biha kopriet il-vettura tal-marka Mazda Bongo numru ta’ registrazzjoni LVY-082 proprjeta’ ta’ l-assikurat taghha Paul Gauci taht polza ‘*comprehensive’*.

Illi waqt li l-konvenuta kienet qieghda ssuq il-vettura Volkswagen Polo, numru ta’ registrazzjoni EAX-061 fit-28 ta’ Gunju 2000, gewwa l-Coast Road, Bahar ic-Caghaq, bi traskuragni, imprudenza u nuqqas ta’ tharis mar-regolamenti tat-traffikun, hija tilfet il-kontrol tal-vettura taghha u habtet mal-vettura Mazda Bongo Numru LVY-082 misjuqa minn Stephen Mifsud u li mieghu kien hemm zewgt passiggieri u gew kkagunati danni ngenti fl-imsemmija karozzi, tant illi giet ikklassifikata bhala ‘bejond economical repair’.

Illi, in vista tal-polza ta’ assikurazzjoni fuq imsemmija, s-socjeta’ attrici Laferla Insurance Agency Limited fil-kwalita’ premessa taghha ghamel tajjeb ghal porzjon sostanzjali tad-danni sofferti mill-imsemmi Paul Gauci skond l-istess polza u in konsegwenza ta’ tali pagament giet ssurrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha skond l-istess polza ta’ assikurazzjoni u skond il-ligi.

Illi s-somma hekk sborzjata mill-imsemmija s-socjeta' attrici Laferla Insurance Agency Limited fil-kwalita' premessa kienet tammonta ghal hamest elef, mija u tlieta u hamsin liri Maltin (Lm5,153) kif dettaljat ahjar fl-annessa skeda Dok B.

Illi s-somma sborzjata minn Paul Gauci kienet tammonta ghall-hamsin liri (Lm50), dina rappresentanti l-excess li huwa kellu jhallas.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghal-kollizjoni tal-28 ta' Gunju 2000, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici Laferla Insurance Agency Limited fil-kwalita' premessa taghha u lil Paul Gauci fis-somom rispettivament ta' hamest elef, mija u tlieta u amsin liri Maltin (Lm5153) u ta' hamsin Liri Maltin (Lm50) jew sommom verjuri illi tigi likwidata prevja okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas, in linea ta' danni, lis-socjeta' attrici Laferla Insurance Agency Limited u lil Paul Gauci s-sommom rispettivament ta' hamest elef, mija u tlieta u hamsin liri Maltin (Lm5153) u ta' hamsin Liri Maltin (Lm50) jew sommom verjuri illi jigu likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10), tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Settembru 2000 flimkien man-Nota tal-ismijiet tal-istess data (Lm21.50) u tan-Nota tal-ismijiet ipprezentata kontestwalment a tenur tal-Kapitolu 104, flimkien man-nota bl-ismijiet tas-sindikati pprezentata ma' dik l-ittra (Lm18.50) u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-

pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fit-30 ta' Ottubru 2001 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti m'hijiex qed tikkontesta r-responsabilita' tal-incident li sehh fit-28 ta' Gunju 2000, gewwa l-Coast Road, Bahar ic-Caqghaq, bejn il-vettura EAX-061 minnha misjuqa u l-vettura LVY-082 misjuqa minn Stephen Mifsud.

2. Illi l-eccipjenti, pero' qeghda tikkontesta s-somma ta' hamest elef, mija u tlieta u hamsin lira maltin (Lm5153) mitluba mis-socjetajiet attrici bhala danni mitluba fil-konfront taghha u dan stante illi din is-somma ma tirraprezentax il-valur veru tal-vettura LVY-082 li ghaliha s-socjetajiet attrici kellhom jaghmlu tajjeb skond il-polza u l-ligi.

3. Illi l-valur tal-vettura LVY-082 kien ferm inqas mis-somma mitluba u in vista tal-fatt illi s-socjetajiet attrici ghandhom l-obbligu li jimminimizzaw id-danni u jikkompensaw l-assigurat ghall-valur reali, l-eccipjenti m'hijiex obbligata taghmel tajjeb ghal din is-somma, u hija obbligata biss taghmel tajjeb dik is-somma li tirraprezenta l-valur reali tal-vettura LVY-082.

4. Illi in vista tal-fatt illi l-eccipjenti dejjem kienet lesta li taghmel tajjeb ghall-valur reali tal-vettura LVY-082, hija m'ghandhiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Lulju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-konvenuta fin-nota tal-eccezzjoniet taghha ammettiet ir-responsabilita' ghall-incident in kwistjoni, izda ikkontestat id-danni reklamati mis-socjeta' attrici.

Mid-dokument a fol 34 tal-process jirrizulta li s-surveyor Charles Saliba iddikjara illi l-vettura in kwistjoni numru LVY-082 giet dannegjata *beyond economic repair.* Is-sur Charles Galea, claims manager tas-socjeta' attrici u Mario Gauci l-attur l-iehor u assikurat mas-socjeta' attrici, ikkonfermaw il-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni, u cioe' li s-socjeta' attrici hallset Lm5,153 in toto, u l-attur hallas l-excess ta' hamsin lira.

Il-konvenuta ipproduciet bhala xhud lil rapresentant tal-Licensing and Testing Directorate illi qal li l-vettura inxtrat fl-1990 ghal Lm5,980. Ghalhekk una volta l-ispejjes kienu ser jeccedu s-somma ta' Lm5,000 kienu gustifikati l-atturi ma jsewwux u jiddikjaraw il-vettura *total loss.*

Jidher car li l-konvenuta qed tikkontesta l-valur assenjat lill-vettura in kwistjoni, liema valur is-socjeta' attrici ddecidiet illi thallas. In effetti l-vettura inxtrat bi prezz vicin hafna circa ghaxar snin qabel u ghalhekk xi dubbji dan il-valur ihalli. Ix-xhud Galea qal li huma qablu li valur kien jeccedi l-hamest elef lira ghaliex kien eight seater u kellu l-permess. Fil-fatt is-surveyor Saliba a fil 76 tal-process qabel illi minghajr permess b' elfejn lira jinxtara.

Il-Qorti ma taqbilx li l-fatt li l-vettura kellha l-permess ghandu b’ xi mod jghollilha l-valur ghaliex il-permess hu xi haga separata mill-vettura. Meta l-assikurat xtara l-vettura l-gdida certament seta jdawwar il-permess ghal fuqha u l-konvenuta ma ghandhiex tbati spejjes li ma humiex dovuti. Hu minnu li hija ma gabet ebda prova konkreta tal-valur tal-vettura izda l-istess prova permezz tas-surveyor ma hijiex konklussiva fis-sens li l-vettura tiswa’ kemm intqal minnu stess. Ghalhekk il-Qorti arbitrio boni viri se taghtiha valur ta’ tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500).

Rigward il-hlas ta’ hamsin lira mill-attur Gauci dan gie sufficjentement pruvat.

**Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi;**

**1. Fl-ammissjoni tal-konvenuta tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjaraha responsabbli ghall-incident stradali msemmi;**

**2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici ghal tlett elef u hames mitt lira u dawk sofferti mill-attur ghal hamsin lira;**

**3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm3,500 u lill-attur Gauci is-somma ta’ Lm50;**

**L-ispejjes jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenuta u terz mis-socjeta’ attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------